MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Rikors Numru. 19/2010

Anthony **GAUĊI**

vs

**TRANSPORT MALTA** u b'degriet tal-15 ta' April, 2010, l-isem għandu jkun jaqra L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta; l-Awtorita' dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol; u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-22 ta' Frar, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm fih imfissrin, ir-rikorrent talab li din il-Qorti (i) ssib li l-imġiba tal-intimati jew ta' min minnhom

tikkostitwixxi ksur tal-jedd fundamentali tiegħu kif imħares bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa l-“Kostituzzjoni”) u tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa il-“Konvenzjoni”); u (ii) tgħaddi biex toħroġ dawk id-direttivi u ordnijiet li jidhrilha li huma xierqa;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta’ Frar, 2010, li bih appuntat is-smigħ tar-Rikors għall-4 ta’ Marzu, 2010;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata Awtorita’ għat-Trasport f’Malta fl-4 ta’ Marzu, 2010, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b’mod preliminari, ġibdet l-attenzjoni għall-mod kif kellha tissejjaħ għall-finijiet tal-kapitolu 499 tal-Liġijiet ta’ Malta, u wkoll billi qalet li r-rikorrent naqas li jinqeda b’rimedji ordinarji fil-kamp legali tad-dritt amministrattiv u tad-dritt industrijali, qabel ma nqeda bil-proċedura tal-ilment dwar ksur ta’ jeddijiet fundamentali. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li l-ilmenti tar-rikorrent fil-konfront tagħha m’huma bl-ebda mod mistħoqqa għaliex hija mxiet miegħu sewwa u qatt ma ttrattatu b’mod degradanti jew inuman. Il-fatt li ttieħdu proċedimenti dixxiplinari kontra tiegħu ma jsarrfux fi trattament bħal dak tant li, minkejja sejbien ta’ ħtija, hija ma neħħitux mill-impieg tiegħu għal raġunijiet ta’ ħniena minħabba l-qagħda medika tiegħu. Żiedet tgħid li r-rikorrent mexxa proċeduri quddiem l-Ombudsman (li kellhom eżitu negattiv għall-ilment tiegħu) u wkoll b’kawża kontriha quddiem il-Qrati (li għadha qiegħda tinstema’)[1];

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fit-18 ta’ Marzu, 2010, li biha laqa’ għall-azzjoni tar-rikorrenti billi qal li jagħmel tiegħu l-kontestazzjonijiet imressqin mill-intimata Awtorita’ għat-Trasport f’Malta, u żied jgħid li huwa bl-ebda mod ma jaħti għal dak li jilminta minnu r-rikorrent u lanqas għamel xi ħaġa li, bl-akbar sforz ta’ immaġinazzjoni, jista’ jitqies li jikkostitwixxi trattament inuman u degradanti fil-konfront tar-rikorrent;

[1] Rik. Nru. 59/09LFS

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' April, 2010[2], li bih ordnat il-bidla flisem tal-Awtorita' intimata;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2010[3], li bih ħassret il-kawża minn fuq il-listi tas-smigħ għall-finijiet tal-artikolu 199 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Mejju, 2010, li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrent b'rikors tiegħu tal-11 ta' Mejju, 2010, reġgħet qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ wara li r-rikorrent wettaq dak mitlub fl-artikolu 199(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata Awtorita' dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol fit-2 ta' Lulju, 2010, li biha laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrenti billi qalet li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati u l-azzjoni tiegħu waħda fiergħa. Preliminarjament, qalet li m'hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-ilmenti tiegħu u jmissha tinħeles milli tibqa' fil-kawża, minbarra li r-rikorrent naqas li jinqeda bir-rimedji ordinarji disponibbli biex iħares l-interessi tiegħu u għalhekk stiednet lill-Qorti tagħżel li ma tismax il-kawża għall-finijiet tal-*proviso* artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li hija bl-ebda mod ma taħti lejn ir-rikorrent għal xi mġiba li tista' titqies bħala waħda inumana jew degradanti. Minbarra dan, l-ilmenti tar-rikorrent ma jwasslux għal ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Lulju, 2010[4], li bih ordnat li, qabel kull ħaġa oħra, ssir it-trattazzjoni tal-eċċezzjoni preliminari dwar jekk ir-rikorrent huwiex minnu li naqas li jinqeda b'rimedji ordinarji qabel ma fetaħ din il-kawża, u ordnat lill-intimata Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex

---

[2] Paġ. 39 tal-proċess
[3] Paġ. 40 tal-proċess
[4] Paġ. 50 tal-proċess

tressaq Nota biex tfisser liema kienu r-rimedji li hija tgħid li r-rikorrent seta' nqeda bihom;

Rat in-Nota spjegattiva mressqa mill-imsemmija Awtorita' intimata fil-21 ta' Lulju, 2010[5];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Ottubru, 2010, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar jekk il-Qorti għandhiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża billi r-rikorrent naqas li jinqeda b'rimedji proċedurali oħrajn;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din l-azzjoni, r-rikorrent qiegħed jgħid li ġarrab ksur ta' jedd fundamentali dwar ħelsien minn trattament inuman u degradanti waqt jew in konnessjoni max-xogħol tiegħu ta' *berthing assistent* mal-intimata Awtorita' għat-Trasport f'Malta (minn issa 'l quddiem imsejħa "TM"). Huwa jilminta li, minħabba li ġibed l-attenzjoni ta' awtoritajiet kompetenti dwar il-kundizzjonijiet li fihom intalab jaħdem, TM ittratatu b'mod li jikser l-imsemmi jedd fundamentali tiegħu;

Illi kemm TM u kif ukoll l-intimata Awtorita' dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (minn issa 'l quddiem imsejħa "OHSA") qanqlu l-eċċezzjoni preliminari li r-rikorrent ma nqediex b'rimedji tajbin ordinarji biex jindirizza l-ilmenti tiegħu u għalhekk stiednu lill-Qorti tqis jekk għandhiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' dan l-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali;

[5] Paġġ. 51 – 3 tal-proċess

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari, li b'mod indirett għamel tiegħu ukoll l-intimat Avukat Ġenerali;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti relattivi għall-imsemmija eċċezzjoni juru li r-rikorrent għandu l-kariga ta' *berthing assistent* fil-*Yachting Centre Marinas* sa mill-1991. Qabel kien dettaljat mal-Awtorita' Marittima ta' Malta. F'Lulju tal-2007, l-Awtorita' għarrfet lir-rikorrent li ma kienx se' jibqa' jagħmel ix-xogħol li kien jagħmel sa dak inhar u ntbagħat jaħdem f'uffiċċju fl-Imsida. Ressaq ilment mal-OHSA minħabba l-kundizzjonijiet li tqiegħed jaħdem fihom, l-aktar minħabba saħħtu. Ressaq ukoll il-każ tiegħu quddiem l-*Ombudsman*;

Illi f'April tal-2008, ittieħdu proċeduri dixxiplinari mill-imsemmija Awtorita' Marittima ta' Malta fir-rigward tar-rikorrent. Huwa kien instab ħati tal-akkużi, u dik id-deċiżjoni reġgħet kienet konfermata fi Frar tal-2009 b'rakkomandazzjoni li r-rikorrent ma jitkeċċiex mill-impieg, jingħata twiddiba u li għaż-żmien kollu li kien sospiż waqt l-imsemmija proċedura jitħallas biss nofs il-paga li kien jistħoqqlu jirċievi kieku ma kienx sospiż[6]. F'April tal-2008, l-*Ombudsman* ta l-fehma tiegħu dwar l-ilment tar-rikorrent[7];

Illi fi Frar tal-2009[8], r-rikorrent intalab jidħol lura għax-xogħol, u fi Frar tal-2010 fetaħ din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami, għandu jingħad li huma bosta s-sentenzi li daħlu f'din il-kwestjoni, ukoll minħabba l-fatt li din hija eċċezzjoni li llum il-ġurnata titqajjem tista' tgħid f'kull kawża fejn il-proċedura tal-ilment ta' ksur ta' xi jedd fundamentali titressaq quddiem dawn il-Qrati. Il-kriterji li jridu jitqiesu biex Qorti tal-kompetenza "kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat fuq il-bażi li l-parti rikorrenti kellha rimedji oħrajn "ordinarji" huma llum il-ġurnata stabiliti b'mod konsistenti mill-qrati

[6] Dok "TM1", f'paġ. 12 tal-proċess
[7] Dok "TM3", f'paġġ. 14 sa 34 tal-proċess
[8] Dok "TM2", f'paġ. 13 tal-proċess

Maltin. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod terġa' tfissirhom, u tillimita ruħha biex tirreferi għas-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2005, fil-kawża ***Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[9], li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar, 2006. Dik l-istess Qorti għadha żżomm l-istess prinċipji kif muri f'deċiżjonijiet li ngħataw dan l-aħħar dwar l-istess eċċezzjoni[10];

Illi meta jissemma li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[11]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[12]. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternattiv xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża;

Illi r-rimedji li TM tgħid li r-rikorrent messu ħa jinsabu fl-Att tal-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta), b'mod partikolari billi jressaq ilment mad-Direttur (taħt l-artikoli 43 sa 47 ta' dak l-Att) jew bi proċedura quddiem it-Tribunal Industrijali (taħt l-artikolu 75 tal-istess Att);

Illi wara li l-Qorti qieset il-fatti li jirrigwardaw dan il-każ, rat il-provi mressqa s'issa, u qieset is-sottomissjonijiet magħmulin mid-difensuri tal-partijiet kollha, hija tasal għall-fehma li m'għandhiex tilqa' l-istedina tal-intimati TM u OHSA u dan għar-raġunijiet li sejrin jissemmew;

Illi l-Qorti tara li r-rimedji li TM tipprospetta li r-rikorrent kellu disponibbli għalih ma jindirizzaw qatt il-qofol tal-

---

[9] Rik. Kost. Nru. 22/05JRM
[10] Kost. **31.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Caruana et vs Il-Prim Ministru et*** (Rik. Kost. 44/06) u Kost. **6.9.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Xuereb vs Helen Milligan et*** (Rik. Kost. 44/08) fost l-oħrajn
[11] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[12] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

ilment tiegħu dwar il-ksur tal-jedd fundamentali minnu allegat. Il-Qorti ma taqbilx li d-Direttur tal-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali għandu setgħa li jistħarreġ jekk tassew ir-rikorrent kienx vittimiżżat b'mod li t-trattament li ngħata wassal għal ksur tal-imsemmi jedd fundamentali. L-istess ħaġa tingħad dwar teħid ta' proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali. Mhux hekk biss, iżda li kieku kellha titqajjem il-kwestjoni kostituzzjonali quddiem l-imsemmi Tribunal, lanqas ikun possibbli li dak it-Tribunal jagħmel riferenza kostituzzjonali lil din il-Qorti, ladarba t-Tribunal m'huwiex "qorti" għall-finijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni[13]. Dan ikun ifisser li, kieku titqanqal kwestjoni bħal dik quddiem dak it-Tribunal, it-triq waħdanija tkun li jkollu jitressaq rikors bħal dak li ressaq ir-rikorrent biex fetaħ din il-kawża. Fit-Tweġiba ta' TM tissemma wkoll xi kawża li r-rikorrent ressaq kontra tagħha quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, iżda ma jidhirx li dik il-proċedura hija maħsuba li tindirizza l-ilment tar-rikorrent f'din il-proċedura;

Illi huwa fatt ukoll li, minkejja li jista' jkun minnu li l-parti rikorrenti seta' kellha għad-dispożizzjoni tagħha rimedju "ordinarju", din il-Qorti xorta waħda jibqagħlha dejjem id-diskrezzjoni li tagħżel li tibqa' tisma' l-kawża. L-eżistenza ta' "rimedju ordinarju" ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma' kawża kostituzzjoniali mressqa quddiemha. Id-diskrezzjoni li tuża trid tkun waħda prudenti u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja[14]. Normalment, din id-diskrezzjoni tintuża meta r-rikorrent ikun jidher li tassew għandu disponibbli għalih rimedju li, kieku użat kif imiss, jista' jagħtih il-ħarsien tal-jedd li f'kawża bħal din jgħid li qiegħed iġarrab ksur tiegħu[15];

Illi meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-prinċipji hawn fuq imfissra għall-każ li għandha quddiemha ssib li ma ngħatatx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tagħżel li ma

[13] Kost. **30.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tal-Artijiet vs Ignatius Licari noe et***
[14] P.A. Kost VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Mhix pubblikata)
[15] Ara, f'dan ir-rigward Kost. **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.268**); u Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.48**)

twettaqx is-setgħat speċjali tagħha fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali tagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-intimata Awtorita' għat-Trasport f'Malta u wkoll **it-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-intimata Awtorita' dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol u tiddikjara li hija sejra twettaq is-setgħat tagħha kostituzzjonali u tkompli tisma' l-ilment tar-rikorrent kif imressaq fir-Rikors promotur tiegħu;

**Bl-ispejjeż** kontra l-imsemmija Awtoritajiet intimati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------